



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0296(NLE)

12016/20
ADD 1 REV 1

CORDROGUE 54

PROPOSTA

Nru dok. Cion:	COM(2020) 659 final/2 - ANNEX
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-63 sessjoni li se tissejjaħ mill-ġdid tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi skont il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 659 final/2 - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 659 final/2 - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2020
COM(2020) 659 final/2

ANNEX

COM(2020) 659 final of 16.10.2020 downgraded on 8.12.2020.

ANNEX

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-63 sessjoni li se tissejjaħ mill-ġdid tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi skont il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni matul it-tlieta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2020 fir-rigward ta' bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tas-sustanzi:

- (1) il-kannabis u r-raġa tal-kannabis għandhom jitħassru mill-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi¹;
- (2) dronabinol (*delta-9-tetraidrokannabinol*) għandha tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u jekk din ir-rakkomandazzjoni tiġi adottata, għandha titħassar mill-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (3) tetraidrokannabinol (isomeri ta' *delta-9-tetraidrokannabinol*) għandha tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar Drogi Narkotiċi, suġġett għall-addozzjoni min-naħa tas-CND tar-rakkomandazzjoni biex tiżdied id-dronabinol u l-istereoisomeri tagħha (*delta-9-tetraidrokannabinol*) mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u jekk tiġi adottata din ir-rakkomandazzjoni, għandha titħassar mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi;
- (4) it-terminu “estratti u tinturi” għandu jitħassar mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi;
- (5) In-nota ta' qiegħ il-paġna li taqra *“preparazzjonijiet li fihom fil-biċċa l-kbira kannabidjol u mhux aktar minn 0,2 fil-mija ta' delta-9-tetraidrokannabinol mhumuex taħt kontroll internazzjonali”* m'għandhiex tiġi inkluża mal-entrata għall-kannabis u r-raġa tal-kannabis fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi; Id-WHO hija mistiedna biex b'mod urġenti tipproponi rakkomandazzjoni riveduta b'ħarsa biex tiddeċiedi l-livell approprijat ta' kontroll internazzjonali għall-kannabidjol, inkluża l-possibilità li dan jiġi eżentat minn kontroll simili;
- (6) Preparazzjonijiet prodotti jew b'sinteżi kimika jew b'ħala preparazzjoni tal-kannabis, li huma komposti b'ħala preparazzjonijiet farmaċewtiċi ma' ingredjent wieħed jew aktar jew b'tali mod li d-*delta-9-tetraidrokannabinol* (dronabinol) ma tkunx tista' tiġi rkuprata b'mezzi faċilment disponibbli jew fi produzzjoni li tikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika, m'għandhiex tiżdied mal-Iskeda III tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

Biex tiġi żgurata koerenza tal-iskedar u biex jiġi evitat ir-riskju li sustanza tiġi skedata taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi kif ukoll taħt il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw vot konġunt dwar ir-rakkomandazzjonijiet dwar id-dronabinol u t-tetraidrokannabinol.

¹ Għadhom elenkati fl-Iskeda I ta' dik il-Konvenzjoni.